# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 2 ta' Lulju 2001**

**Avviz. numru 341/01**

**Numru 41**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Dorothy Bartolo**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm287.29) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 318008 li jigi il-klijent numru 226138 (skond kif jirrizulta mill-"statement" anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond numru "Aida House", Msida Road, Gzira, u dana skond ma kif jidher mis-"service agreement" anness mal-avviz Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markti Dok A u Dok B a fol 2 u 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-18 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm287.29,0 bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittjiet professjonali.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 341/01 JAB